# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 22**

**Rikors Numru 123/2020/2 AGV**

**Z1**

**v.**

**Z2**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut u appell inċidentali mressaq mill-attriċi wara sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) f'kawża għal separazzjoni personali. Il-Qorti ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet mingħajr ma addebitat tort lil xi parti; ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment fis-somma ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar u ddeċidiet li kwalunkwe dejn fiskali ta' kumpanija li l-konvenut huwa direttur tagħha jkun a karigu tiegħu ad esklużjoni tal-attriċi.

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta' Awwissu, 2020, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) Z1 (l-Attriċi) fissret li fl-4 ta' Jannar, 1986 hija żżewġet lil Z2 (il-Konvenut) u li minn dan iż-żwieġ kellhom tliet ulied. Tispjega li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba li l-konvenut irrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom impossibbli kif ukoll minħabba inkompatibilità ta' karattru tal-partijiet.

2. L-attriċi għalhekk ressqet dawn it-talbiet:

> "1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali tal-kontendenti tkissret irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat.
>
> 2. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali tal-partijiet a mensa et thoro skont il-ligi.
>
> 3. Tistabbilixxi dik ir-retta alimentarja illi ghandha tithallas regolarment lir-rikorrenti da parti tal-intimat, u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik l-istess retta alimentarja.
>
> 4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 73-75 Triq it-Torri, Mosta MST3503, u dan bl-eskluzjoni tal-intimat li ghandu jigi ordnat sabiex jivvaka l-istess fond, u kwindi li din l-istess dar ma tibqax titqies bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti konjugi izda titqies biss bhala r-residenza esklussiva tar-rikorrenti.
>
> 5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

6. Tillikwida occorrendo bl-opra ta' periti nominandi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u taqsam l-istess assi jew l-ekwivalenti fil-valur taghhom fi flus, f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet.

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-opportun att ta' divizjoni u assenjazzjoni u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

8. Tordna l-bejgħ in licitazzjoni ta' l-assi immobbli f'każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jigu komodament diviżi.

9. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-proprjeta' kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha; u

10. Tapplika fil-konfront tal-intimat id-dispozizzjonijiet tal-Art. 48 et seq tal-Kodici Civili (Kap. 16); u

11. Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni."

3. B'risposta ġuramentata tat-18 ta' Settembru, 2020 il-konvenut laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi l-esponent jikkonferma l-korrettezza tal-kontenut tal-premessi numru wiehed (1) u tnejn (2) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti.

2. Illi l-kontenut tal-premessa numru tlieta (3) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti hija kategorikament michuda u kkontestata stante illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u fir-rikonvenzjoni.

3. Illi fir-rigward ta' dak imtenni fil-premessa numru hamsa (5) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti, l-esponent itenni li fir-rigward tieghu bhala zewgha, ir-rikorrenti certament illi naqset milli "taqdi d-dmirijiet taghha bhala mara tad-dar" ...................Oltre dan, ghaliex tali dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti hija intiza biex isservi bhala bazi ghal talba ta' hlas ta' manteniment, l-esponent jirrileva wkoll illi r-rikorrenti ghamlet zmien tahdem fuq bazi full-time ma' huha MC , f'liema perjodu ma kienx jimporta ghaliha (din kienet decizjoni mehuda minnha unikament u minghajr ebda konsultazzjoni mal-esponent) li ma tibqax

izjed "mara tad-dar" kif issa qed tipprova tipprezenta lilha nnifisha sabiex tikseb il-hlas ta' manteniment minghand l-esponent.

4. Illi, fir-rigward tat-talbiet dedotti mir-rikorrenti fir-Rikors guramentat promotur, l-esponent jeccepixxi dan li gej:-

(i) fir-rigward tat-talba numru (1), ma jopponix ghal dik il-parti tat-talba li permezz taghha din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddikjara illi l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment izda jopponi bis-shih ghal dik il-parti tat-talba fejn qed jigi mitlub li jigi pronunzjat li dan sehh minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-esponent, u dan ghaliex fir-realta' z-zwieg, tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

(ii) ma jopponix ghat-tieni talba.

(iii) jopponi bis-shih ghat-tielet talba stante li, fost konsiderazzjonijiet ohrajn, il-kontendenti huma precizament tal-istess eta', ir-rikorrenti ghandha l-kapacita' li tahdem daqs u anke izjed mill-esponent illi huwa afflitt minn bosta kundizzjonijiet medici u debilitazzjonijiet, u m'hemm ebda raguni ghaliex l-esponent, unikament ghaliex huwa ragel, ghandu jhallas retta alimentari lir-rikorrenti, unikament ghaliex hija mara, meta l-principju illi r-ragel u l-mara huma ugwali u ghandhom l-istess drittijiet huwa wiehed altru milli rassodat fit-tessut socjali ta' pajjizna. Oltre dan jigi sottolineat illi ulied il-kontendenti huma lkoll maggorenni u ghandhom il-hajja indipendenti taghhom u r-rikorrenti m'ghandha assolutament ebda impenji li b'xi mod jistghu jtellfuha milli jkollha impjieg tmantni lilha nnifisha, anzi bil-kuntatti u network familjari li ghandha, l-opportunitajiet ta' impjieg, kieku kellha tirrikorri ghalihom, certament li jkunu ampji.

(iv) jopponi bis-shih ghar-raba' talba stante illi ma tezisti assolutament ebda raguni kwalsiasi ghaliex l-esponent ghandu jigi allontanat mid-dar matrimonjali illi hija l-frott ta' ghexieren ta' snin ta' hidma min-naha tieghu u li tikkostitwixxi l-izjed asset ta' valur formanti parti l-kommunjoni tal-akkwist u....................Il-kontendenti kienu fi stadju avvanzat hafna li jikkonkludu separazzjoni konsenswali qabel ma r-rikorrenti ddecidiet illi tibdel il-konsulent legali taghha u l-imsemmi fond 73-75, Triq it-Torri, Mosta kien anke tpogga ghall-bejgh, sabiex jinbiegh lil terzi u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom, kif ghandu jkun.

(v) ma jopponix ghall-hames, is-sitt u s-seba' talba.

(vi) ma jopponi ghat-tmien talba ghalkemm huwa ferm izjed deziderabbli u fl-interess tal-kontendenti illi l-bejgh tal-immobbli ma jsirx permezz ta' proceduri ta' licitazzjoni izda mill-kontendenti nnifishom sabiex jigi ottenut l-ahjar prezz possibbli fl-interess taz-zewg kontendenti.

(vii) fir-rigward tad-disa' talba l-esponent itenni illi m'ghandu fil-pussess tieghu ebda hwejjeg personali u/jew parafernali appartenenti lir-rikorrenti filwaqt li jiddikjara illi fid-dar matrimonjali fejn jirrisjedu z-zewg kontendenti hemm oggetti personali u parafernali appartenenti kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lill-esponent u ghalhekk kull parti ghandha eventwalment tiehu dawk l-oggetti personali u/jew parafernali appartenenti lilu / lilha.

(viii) jopponi bis-shih ghall-ghaxar talba peress li m'hemm ebda raguni ghaliex ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici civili; u

(ix) ma jopponix ghall-hdax-il talba maghmula mir-rikorrenti fir-Rikors guramentat promotur minnha intavolat.

5. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti, sa fejn huma opposti mill-esponent, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez filwaqt li ghandhom jigu akkolti biss dawk it-talbiet li mhumiex opposti mill-esponent, u f'kull kaz l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati fl-intier taghhom lir-rikorrenti.

6. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri istitwiti mir-rikorrenti sabiex iressaq 'il quddiem it-talbiet rikonvenzjonali tieghu."

4. Mar-risposta ġuramentata l-konvenut ressaq <u>kontrotalba</u>. Ippremetta li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba ħtijiet li huma imputabbli unikament lill-attriċi rikonvenzjonata; li m'hemm xejn x'iżomm lill-attriċi rikonvenzjonata milli tmur taħdem bħal ma kienet tagħmel; u li għal snin twal li matulhom l-attriċi kienet direttriċi tas-soċjetà - *omissis* -, ġew imħallsa l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħha bl-iskop li meta tilħaq l-età pensjonabbli tkun tista' tipperċepixxi pensjoni

5. Għadda mbagħad sabiex ressaq dawn it-talbiet rikonvenzjonali:

"(i) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

(ii) Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48 u/jew 51 u/jew 53 u/jew 54 tal-Kodici Civili.

(iii) Tiddikjara, a tenur tal-artikolu 52 tal-Kodici Civili, illi s-sanzjonijiet u l-effetti kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw in toto fil-konfront biss tar-rikorrenti rikonvenzjonata izda mhux tal-intimat rikonvenzjonant.

(iv) Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' qatt kellha li titlob il-ħlas ta' manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant.

(v) Tiddikjara illi l-fond bin-numru ufficjali 73 – 75, Triq it-Torri, Mosta m'ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti.

(vi) Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti minn l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-intimat rikonvenzjonant u l-ohra lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

(vii) Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

(viii) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-intimat rikonvenzjonant il-beni dotali, personali u parafernali kollha tieghu.

(ix) Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonata m'ghandha ebda dritt illi tircievi l-hlas ta' manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant; u

(x) Tawtorizza lill-intimat rikonvenzjonant sabiex jirregistra s-sentenza li se tinghata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li minn issa hija ngunta in subizzjoni."

6. B'<u>risposta ġuramentata</u> tal-<u>14 ta' Ottubru, 2020</u> l-attriċi rikonvenzjonata laqgħet għall-kontrotalba b'numru ta' eċċezzjonijiet fosthom li kontrarjament ghal dak li jallega l-intimat rikonvenzjonant, iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, unikament minhabba htijiet imputabbli lill-istess intimat rikonvenzjonant, u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat tar-rikorrenti rikonvenzjonata.

7. B'<u>sentenza</u> mogħtija fit-<u>22 ta' Marzu, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li l-partijiet waslu ghall-ftehim fuq il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt Euros (€300) fix-xahar.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet fil-mori tal-proceduri.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici in kwantu tikkonferma l-ftehim tal-partijiet rigward il-bejgh tad-dar matrimonjali u s-socjeta' - *omissis* -. u tillikwidaha u tassenja r-rimanenti assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

7. Tichad is-seba' talba attrici stante li m'ghadx hemm in-necessita'.

8. Tichad it-tmien talba attrici stante li m'ghadx hemm in-necessita'.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici sa fejn applikabbli.

10.Tichad l-ghaxar talba attrici.

11.Tilqa' l-hdax-il talba attrici u tordna li s-sentenza tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku.

**<u>Kontro-Talba</u>**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-konjugi minghajr ma taddebita tort lil ebda mill-partijiet ghar-ragunijiet fuq imfissrin.

2. Tichad it-tieni kontro-talba ghar-ragunjiet fuq imfissra dwar responsabbilita'.

3. Tichad it-tielet kontro-talba ghar-ragunjiet imfissra dwar responsabbilita'.

4. Tichad ir-raba' kontro-talba stante li ma tezistix raguni fil-ligi sabiex tordna d-dekadenza.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames kontro-talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet fil-mori tal-kawza.

6. Tilqa' s-sitt kontro-talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti skond miftiehem bejn il-partijiet u dwar ir-rimanenti assi skond kif imfisser iktar 'l fuq minn dina l-Qorti.

7. Tichad is-seba' kontro-talba, stante li m'ghadx fadal in-necessita'.

8. Tilqa' t-tmien kontro-talba sa fejn applikabbli.

9. Tichad id-disa' kontro-talba stante dak li gie deciz fis-sottotitolu "Manteniment."

10.Tilqa' l-ghaxar kontro-talba u tordna li dina s-sentenza tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku.

Stante l-ftehim milhuq bejn il-partijiet l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejniethom."

8. Ir-raġunijiet relevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha huma kif ġej:

"Konsiderazzjonijiet

Il-partijiet waslu ghall-ftehim in kwantu jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti fis-segwenti mod:-
i) Id-dar matrimonjali 73-75, Triq it-Torri, Mosta fil-mori tal-kawza giet mibjugha lil terzi versu l-prezz ta' €720,000 u l-partijiet hadu s-somma ta' €360,000 kull wiehed.
ii) L-oggetti mobbli kollha li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u li llum jinsabu fil-pussess individwali tal-partijiet ghandhom jappartjenu fi proprjeta' esklussivament ta' dak jew dik il-parti illi jinsabu fil-pussess taghhom.
iii) Is-socjeta' - *omissis* - giet assenjata lill-konvenut u ghas-saldu tas-sehem l-attrici assenjalha s-somma ta' €243,673 abbazi tal-valur stabbilit mill-espert komputista William Spiteri Bailey innominat minn dina l-Qorti u dan skond kif miftiehem fil-ftehim esebit fl-atti.
iv) Il-kontijiet bankarji gew maqsuma bejniethom, kif ukoll kull parti ser izzomm il-kontijiet bankarji li jinsabu f'isimhom.
v) Il-karozzi li ghad jistghu jinstabu ufficjalment registrati f'isem xi wiehed jew wahda mill-partijiet ghandhom jigu assenjati rispettivament lil dak jew dik il-parti illi f'ismu jew li f'isimha jkunu jinsabu registrati dawk il-karozzi.

[...]

**<u>Punti li baqghu in Kontestazzjoni</u>**

Jibqghu in kontestazzjoni zewg punti (a) il-manteniment li qed tippretendi l-attrici kif ukoll (b) it-taxxi dovuti mis-socjeta' - *omissis* -.

**Manteniment**

Prezentement l-attrici qed tircievi r-retta alimentarja fis-somma ta' €500 fix-xahar kif kien iddekretat minn dina l-Qorti u ghalkemm saret intitolata ghall-pensjoni sa minn Dicembru, 2023 li jammonta ghal €149.02 fil-gimgha (pensjoni, kif ukoll gholi tal-hajja, u bonus addizjonali) u dan oltre l-bonus ta' kull sitt xhur li jammonta ghal €135.10 issostni li dan mhux bizzejjed sabiex tghijjex lilha nnifisha.

Il-konvenut qed jopponi li jikkontribwixxi iktar manteniment lill-attrici u dan in vista tal-fatt li t-tnejn li huma pensjonanti u llum minkejja li s-socjeta' - *omissis* - giet assenjata lilu m'ghadux jahdem u di piu' ghandu problemi ta' sahha li jimpedulu li jkompli jahdem. Hekk, jiggustifika l-opposizzjoni tieghu ghall-hlas ta' alimenti lill-martu l-attrici.

[...]

Il-konvenut jirrileva li kienet ghazla tal-attrici li ma tohrogx tahdem u kien hemm biss zmien qasir meta marret tahdem ma' huha. Itenni li kellha kull opportunita' li tahdem anke meta kienet qed tkabbar lit-tfal, izda ma kellhiex interess.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attrici hadmet anke fiz-zmien li kienu jghixu l-Inghilterra, in partikolari meta l-konvenut kien qed jistudja u ghalhekk kienu jiddependu mill-paga taghha. S'intendi meta bdiet tikber il-familja, f'dak iz-zmien il-konvenut kien stabbli fl-impjieg tieghu u huwa stess jiftahar li kellu introjtu tajjeb u seta' jzomm il-familja sew.

Ma ressaqx provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hemm xi problemi u inkwiet gravi bejniethom ghaliex l-attrici ma kinitx tahdem. Jirrizulta li kien hemm ftehim tacitu bejniethom li l-attrici tiehu hsieb il-familja u dina l-Qorti hija iktar konvinta meta effettivament, il-konvenut jammetti li kienu t-tnejn iffokkati fuq l-edukazzjoni tat-tfal u kellhom direzzjoni ghalihom.

Jekk l-attrici ghazlet li tibqa' mara tad-dar, dan ma jfissirx li ma tatx il-kontribut finanzjarju taghha tul iz-zwieg, ghax jekk it-trobbija mpeditha milli tfittex impjieg, ugwalment iddedikat il-hin taghha tiehu hsieb id-dar u uliedha li essenzjalment huma ta' valur prezzjuz.

Peress li sabiex tasal ghal decizjoni dwar manteniment, dina l-Qorti ghandha ukoll tikkunsidra l-mezzi tal-persuna li minnha qed jintalab il-manteniment. Il-konvenut jinsisti li llum l-uniku introjtu li jircievi huwa l-pensjoni fl-ammont ta' €16 u kiri ta' appartament li gie assenjat lilu f'San Giljan ta' circa €500 fix-xahar.

Dwar is-socjeta' - *omissis* - li minnha kien jopera s-servizzi ta' konsulenza fuq diversi snin ighid li llum m'ghadux jiehu directors' fees peress li s-socjeta' m'ghadhiex topera u fil-fatt qieghda in likwidazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jikkonvinci dina l-Qorti li hekk sehh. Inoltre, dina l-Qorti hi tal-fehma li indubbjament ma jaghmilx sens li l-konvenut zamm is-socjeta' in kwistjoni f'dik li hi l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni u ftit wara jiddeciedi li jillikwidaha.

L-attrici stess ipproduciet provi sabiex turi li tramite s-socjeta' - *omissis* -. il-konvenut inghata zewg tenders sostanzjali ghall-provista ta' training services fil-qasam tal-industrija tal-gaming bil-valur ta' €98,450 u recentement kien iffirma kuntratt iehor ghall-training mal-Malta Financial Services Authority. Dak iz-zmien fis-sena 2019, il-konvenut kien diga' jbati mid-dijabete u jbati minn problemi fil-vizta ta' ghajnejh u certament id-dijabete ma tostakolax li jkompli joffri servizzi ta' training, filwaqt li l-vizta ta' ghajnejh tista' tikkrea problemi, hemm rimedji sabiex ighinuh jutilizza l-kompjuter kif hu stess ammetta.

Huwa inkoncepibbli kif il-konvenut jista' jghaddi b'€612 meta mdorri b'certi pagi. Ma kkontestax il-fatt li jikri l-appartament ta' San Giljan, madanakollu, dina l-Qorti taqbel mal-attrici li post San Giljan, zgur ma jinkeriex ghall-prezz minimu ta' €500 fix-xahar u ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut ma tirrizultax kredibbli.

Madanakollu, il-Qorti tqis li ghandha tikkunsidra ukoll il-fatt li mal-likwidazzjoni tal-assi, stante l-fatt li l-konvenut gie assenjat is-socjeta' - *omissis* -, ai finijiet ta' ekwiparazzjoni mal-attrici kellu jghaddilha s-somma ta' €243,673 u ma' dan jridu jigu aggunti l-€360,000 li huwa sehem l-attrici mill-bejgh tad-dar matrimonjali. Isegwi ghalhekk li l-attrici spiccat li mal-likwidazzjoni tal-assi hadet is-somma totali ta' €603,673, filwaqt li l-konvenut spicca ha €116,327.

Tenut kont tal-fatt, li certament kien hemm nuqqas fil-mezzi tal-konvenut, l-attrici irceviet somma sabiha ghas-saldu ta' sehemha ta' parti mill-komunjoni tal-akkwisti li tista' tinvestiha, mhux car fejn l-attrici qed tghix prezentement u jekk akkwistatx proprjeta' u ghalhekk jekk hijiex ser tutilizza dawn il-flus f'dan is-sens. Dan kollu sta ghall-attrici, izda jibqa' l-fatt li l-bzonnijiet taghha zgur jeccedu l-€140 fix-xahar.

Ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi, l-ammont ta' manteniment ghall-attrici ghandu jitnaqqas ghal €300 fix-xahar.

- *omissis* - **<u>Limited</u>**

Jirrizulta li dwar dina s-socjeta' li l-konvenut ighid li kien waqqaf kienu nfethu kontriha proceduri mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-istess socjeta' kienet ipprezentat appell kontra d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li permezz taghha kien allegatament irrifjuta oggezzjoni illi kienet ghamlet l-istess socjeta' fir-rigward diversi stimi (assessments) illi kienu nhargu fil-konfront taghha mill-istess Kummissarju.

Primarjament ghandu jinghad li l-konvenut kien u baqa' l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta' u ghalhekk kien unikament responsabbli f'ghajnejn il-ligi fiskali in partikolari. Skond il-Kummissarju l-konvenut kien negligenti hafna in kwantu jirrigwarda l-presentazzjoni tal-income tax returns tas-socjeta' in kwistjoni kif ukoll rigward l-audited accounts u dan kellu jsir fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal-istess socjeta'.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici li fil-kapacita' tieghu qua direttur, il-konvenut kien responsabbli ghad-dejn li kellha s-socjeta'. Inoltre, azzjonist irregistrat taht l-istess socjeta' ma humiex personalment responsabbli skond il-ligi ghad-dejn tal-kumpanija, tkun xi tkun in-natura ta' dan id-dejn. Mizjud ma' dan l-azzjonista hija rregistrata taht is-socjeta' - *omissis* -.

Ghaldaqstant, id-dejn attribwibbli lill-konvenut ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa dejn tas-socjeta' - *omissis* - li ghalih kien responsabbli l-konvenut u allegatament kien hemm nuqqasijiet da parti tieghu fil-vesti ta' direttur. Tkun xi tkun id-decizjoni, jekk kemm il-darba, jirrizulta li hemm dejn, dan ghandu jibqa' responsabbilita' tal-konvenut u dan meta fil-kapacita' tieghu qua direttur ma wettaqx ir-responsabbiltaijiet tieghu kif tixtieq il-ligi u inoltre huwa dejn tas-socjeta'."

9. Il-**konvenut (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellant**) appella b'rikors intavolat fid-19 ta' April, 2024 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti sabiex is-sentenza appellata:

"(i) **tikkonfermaha** in kwantu –

(a) Fir-rigward tat-talbiet imressqa mill-attriċi appellata –

(i) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba' talba;
(ii) laqgħet it-tieni talba u iddikjarat u ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet;
(iii) laqgħet il-ħames talba;
(iv) ċaħdet is-seba' u t-tmien talba stante li ma kienx għad hemm in-neċessita tagħhom;
(v) ċaħdet għaxar talba; u
(vi) laqgħet il-ħdax-il talba; u

(b) Fir-rigward tal-kontro-talbiet imressqa mill-appellant in via konvenzjonali-

(i) laqgħet l-ewwel kontro-talba;
(ii) ċaħdet it-tieni u t-tielet kontro-talba;
(iii) ċahdet s-seba' kontro-talba għax ma kienx għad hemm ħtieġa;

(iv) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ħames kontro-talba;
(v) laqgħet it-tmien u l-għaxar kontro-talba;

(ii) **tirrevokaha** fil-parti fejn laqgħet it-tielet talba tal-attriċi appellata u ordnat lill-appellant iħallas lill-attriċi appellata manteniment fis-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar;

(iii) **tirriformaha u tvarjaha** fil-parti fejn ċaħdet ir-raba' kontro-talba billi minflok tiddikjara illi l-attriċi appellata m'għandhiex bżonn li tirċievi ħlas ta' manteniment mingħand l-appellant;

(iv) **tirriformaha u tvarjaha** fil-parti fejn laqgħet is-sitt talba attriċi billi kkonfermat il-ftehim milħuq bejn il-partijiet rigward il-bejgħ tad-dar matrimonjali u s-soċjetà - *omissis* - u llikwidat u assenjat ir-rimanenti assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser billi filwaqt li tikkonferma il-ftehim milħuq bejn il-partijiet rigward il-bejgħ tad-dar matrimonjali u s-soċjetà - *omissis* - taqta' u tiddeċiedi in oltre illi –

(a) Tassenja kwalsijasi debitu illi għandha jew jista' jkollha s-soċjetà - *omissis* - in kwantu għal nofs lill-appellant u n-nofs l-ieħor lill-attriċi appellata; u
(b) Tordna u tikkundanna lill-attriċi appellata sabiex tħallas lill-appellant is-somma ta' €1,512 li hija rċeviet indebitament bħala manteniment għall-perjodu mill-1 t'April, 2023 sal-1 ta' Diċembru, 2023 kif ukoll li tħallas lura lill-appellant kull ammont illi hija rċeviet u se tirċievi bħala manteniment mingħand l-appellant mill-1 ta' Diċembru, 2023 sad-data tad-determinazzjoni ta' dan l-appell;

(v) **tirriformaha u tvarjaha** fil-parti fejn laqgħet is-sitt kontro-talba "skond kif imfisser iktar 'il fuq minn dina l-Qorti" u minflok tilqagħha kif varjata in linea mat-talba numru (iv) kif dedotta f'dan l-umli rikors t'appell;

(vi) **tirrevokaha** fil-parti fejn laqgħet id-disa' talba tal-attriċi appellata "sa fejn applikabbli" u minflok jew tiċħadha jew tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha;

(vii) **tikkonfermaha** fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż."

10. L**-attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata**) ressqet ir-risposta tagħha fl-20 ta' Ġunju, 2024, fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li l-appell interpost mill-konvenut jiġi miċħud. Flimkien ma' din ir-risposta, l-attriċi ressqet ukoll **appell inċidentali** li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti "*tirriforma s-*

*sentenza appellata ......... billi filwaqt illi tirriformaha in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) talba kif kontenuta fir-Rikors Ġuramentat tagħha fis-sens illi tistabbilixxi u tordna lill-intimat appellant sabiex iħallas lir-rikorrenti appellata retta alimentarja ogħla minn dak ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar, skont kif jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, u f'kull każ tistabbilixxi u tordna wkoll illi tali retta alimentarja ta' kull xahar illi l-intimat appellant għandu jiġi ordnat sabiex iħallas lir-rikorrenti appellata għandha tiġi riveduta u tibqa' tiġi riveduta, fuq bażi kumulattiva, skont l-indiċi uffiċjali tal-inflazzjoni, kull tant numru ta' snin li għandu wkoll jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, tikkonfermaha għall-kumplament, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-intimat appellant."*

11. Il-konvenut ressaq ir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali fl-24 ta' Lulju, 2024, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija fisser għaliex l-appell inċidentali interpost mill-attriċi għandu jiġi miċħud.

12. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

**L-Ewwel Aggravju tal-Appell Prinċipali u l-Aggravju Waħdieni tal-Appell Inċidentali**

13. Kemm l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant kif ukoll l-unika aggravju tal-attriċi appellanti inċidentali jirrigwarda l-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas manteniment lill-attriċi. Il-konvenut appellant jinsisti li l-attriċi mhi intitolata għal ebda manteniment minn għandu peress li bħalu tirċievi l-istess ammont ta' pensjoni, kif ukoll li b'konsegwenza tas-separazzjoni hija rċeviet somma konsiderevoli mill-bejgħ tad-dar matrimonjali kif ukoll somma oħra għal sehemha mill-ishma fis-soċjetà – *omissis* - . Mill-banda l-oħra l-attriċi tinsisti li retta alimentarja għandha tkun aktar għolja minn dik ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar stabbilita mill-Ewwel Qorti u li f'kull każ l-imsemmija somma għandha tiġi riveduta u tibqa' tiġi riveduta fuq bażi kumulattiva kull tant żmien skont l-indiċi uffiċjali tal-inflazzjoni.

14. L-attur appellant jibda l-espożizzjoni tal-ewwel aggravju tiegħu billi jirrileva illi tul is-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti l-attriċi baqgħet sal-aħħar tippretendi somma eżorbitanti bħala manteniment fejn fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha semmiet iċ-ċifra ta' elf, seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,775) fix-xahar. Jgħid li din il-pretensjoni eżorbitanti "possibilment influwixxa fuq id-deċizzjoni" appellata li takkorda manteniment, għalkemm f'somma ferm inferjuri.

15. Isemmi li sabiex jiġi determinat jekk l-attriċi għandhiex jedd għall-manteniment mingħandu għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni s-segwenti fatti: il-partijiet huma t-tnejn pensjonanti u jirċievu pensjoni f'ammont identiku ie. €149 fil-ġimgħa; l-attriċi irċeviet €360,000 mill-bejgħ tad-dar matrimonjali; irċeviet ukoll mingħandu €243,673 bħala l-valur tal-ishma tagħha fis-soċjetà - *omissis* - li ġew trasferiti minn fuq isimha għal fuq ismu; li huwa waqaf jaħdem sew minħabba l-età kif ukoll minħabba problemi ta' saħħa li effetwawlu drastikament il-vista; li filwaqt li l-attriċi rċeviet €603,673 huwa spiċċa b'somma f'idu ta' €116,327.

16. Jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma ħadmitx dak li jipprovdi Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili illi l-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, skont il-mezzi u l-ħila li jmantnu lil xulxin. Jgħid li l-Ewwel Qorti skartat il-konsiderazzjoni li l-obbligu tal-manteniment jaqa' fuq iż-żewġ partijiet fiż-żwieġ b'mod ugwali; u minflok tat x'tifhem illi għax l-appellant huwa raġel allura awtomatikament huwa obbligat li jħallas manteniment lill-attriċi, meta dan ma hux il-każ. Isemmi kif l-Ewwel Qorti pronunzjat is-separazzjoni tal-partijiet filwaqt li espressament iddikjarat li ma kienet qed taddebita l-ebda tort fuq l-ebda parti. Jgħid li għalhekk huwa inkonċepibbli kif f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha fuq elenkati huwa jiġi ordnat iħallas manteniment.

17. Jirreferi għall-Artikollu 20 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li l-manteniment jitħallas skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. Jgħid li l-attriċi ma wrietx li għandha dan il-bżonn peress li filwaqt li tirċievi bħalu pensjoni ta' €149 fil-ġimgħa, għandha issa taħt rasha s-somma ta' €603,673 li skont l-appellant tista' faċilment tinvesti b'introjtu ta' bejn €12,000 u €36,000 fis-sena. Jissottometti illi anke li kieku tiddeċiedi li ma tinvesti f'xejn u minflok tiddeċiedi li tiekol minn tali somma €1,000 fix-xahar b'żieda mal-pensjoni, tali somma isserviha ħamsin (50) sena oħra.

18. Jikritika s-sentenza appellata fejn qabel stabbilit manteniment ta' €300 fix-xahar, iddikjarat li kienet qed tieħu in konsiderazzjoni li "l-bżonnijiet tagħha (tal-attriċi) żgur jeċċedu l-€140 fix-xahar". Jgħid li kjarament l-Ewwel Qorti kienet qed tagħmel referenza għall-pensjoni tal-attriċi li fil-fatt ma hix €140 fix-xahar imma €149 fil-ġimgħa. Jinsisti illi ġaladarba l-impożizzjoni ta' €300 manteniment fix-xahar hija msejsa fuq konsiderazzjoni "fattwalment skorretta" li l-attriċi għandha introjtu mill-pensjoni ta' €140 fix-xahar, mentri għandha €149 fil-ġimgħa, għandu jsegwi illi l-bżonn għall-manteniment ma jeżistix.

19. L-attriċi appellata topponi dan l-aggravju. Tgħid li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba leġġerment il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tar-retta alimentarja, likwidazzjoni magħmula wara li l-Qorti

semgħet u għarblet il-provi kollha miġjuba quddiemha u ma jirriżultax li l-konkluzjoni tagħha dwar il-manteniment ordnat huma żbaljati; għalkemm fl-istess ħin hija qed tressaq appell inċidentali titlob li l-manteniment għandu jibqa' fl-ammont kif kien skont id-digriet ta' manteniment *pendente lite.*

20. Dwar il-kumment tal-Ewwel Qorti fejn semmiet li l-ispejjeż tal-attriċi jeċċedu s-somma ta' €140 fix-xahar, tissottometti illi f'dik il-parti tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kienet qed tikkunsidra mhux id-dħul imma l-bżonnijiet tagħha tant li minn manteniment *pendente lite* ta' €500 fix-xahar irriduċietu għal €300 fix-xahar.

21. Tgħid illi wara li ngħatat is-sentenza appellata u rat illi l-kap tas-sentenza dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti għadda in ġudikat hija xtrat appartament bħala residenza tagħha.

22. Fl-istess ħin, permezz tal-appell inċidentali tagħha l-attriċi tattakka s-sentenza appellata fuq żewġ binarji. Tgħid illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kellha takkordalha manteniment ekwivalenti għall-ammont li kienet qed tirċievi *pendente lite*. Tgħid ukoll illi fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti kellha tordna l-awment perjodiku skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

23. Tissottometti li fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti kienet influwenzata mill-fatt li waqt l-andament tal-kawża l-attriċi rċeviet f'idejha s-somma ta' €603,673 wara li nbiegħet id-dar matrimonjali u rċeviet l-ekwiparazzjoni tar-rinunzja tagħha għall-azzjonijiet fil-kumpanija - *omissis* -, liema soċjetá hija proprjetarja ta' appartament u żewġ garaxxijiet ġewwa San Ġiljan.

24. Issemmi li b'dawk il-flus hija xtrat appartament sabiex ikollha saqaf fuq rasha minflok ma tipprova tinvestihom u tidħol f'kera li aktar ma jmur aktar qed tgħola.

25. Il-konvenut ressaq risposta għall-appell inċidentali. Dwar il-manteniment jagħmel referenza għal dak li ssottometta fl-appell prinċipali tiegħu. Jenfasizza li dak kollu li kien hemm fil-komunjoni tal-akkwisti ġie likwidat fil-mori tal-kawża u nqasam kollox bin-nofs u li t-tnejn jirċievu l-istess ammont ta' pensjoni. F'tali ċirkostanzi jtenni illi mhux talli l-ammont ta' manteniment stabbilit mill-Ewwel Qorti m'għandux jiżdied, talli skontu m'għandu jkun hemm l-ebda manteniment. Jinsisti li fiċ-ċirkostanzi ħadd ma għandu jħallas manteniment peress li sew il-mezzi tagħhom kif ukoll il-bżonnijiet tagħhom huma ugwali. Jgħid li għalkemm issa l-attriċi qed tipprova tiskredita r-rapport tal-perit komputista li l-partijiet utilizzaw sabiex waslu fuq il-valur tal-ishma fil-kumpanija - *omissis* -, matul is-smigħ fl-ewwel grad ma ressqet l-ebda kritika għal dak ir-rapport.

26. Jiċħad li għadu jiġġestixxi n-negozju tal-kumpanija - *omissis* -. Jgħid li l-kumpanija qiegħda fil-proċess li tiġi "magħluqa". Mar-risposta tiegħu annetta numru ta' dokumenti biex juri li talab li titneħħa r-reġistrazzjoni tal-kumpanija għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud kif ukoll li għalaq kont bankarju tal-kumpanija.

**Ikkunsidrat;**

27. Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu (i) li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja; (ii) li jmantnu lil xulxin u (iii) li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja. (**Art. 3, Kodiċi Ċivili**). Dan l-obbligu huwa kalkolat skont il-mezzi u l-ħila ta' kull konjuġi u hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola li tali obbligu jispiċċa meta tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali. Kollox jiddependi fuq jekk il-parti li qed titlob manteniment tinstabx ħatja tat-tkissir taż-żwieġ u f'każ affermattiv il-gravità ta' tali ħtija.

28. Bħala regola ġenerali l-manteniment jiġi kkalkolat mhux biss skont il-mezzi ta' min għandu jagħtih imma wkoll skont il-bżonn u l-mezzi ta' min jitolbu. Fl-istħarriġ sabiex jinstab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqla' għall-għixien tiegħu mod ieħor jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa. Meta jitqiesu l-mezzi ta' min

hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt *trust*.[1]

29. Jekk f'kawża ta' separazzjoni personali jinstab li parti fiż-żwieġ ġabet it-tkissir ta' dak iż-żwieġ minħabba li tkun ikkommettiet adulterju jew tkun abbandunat il-parti l-oħra għal żmien sentejn jew aktar, titlef il-jedd li titlob manteniment mingħand il-parti mġarrba, anke jekk turi sodisfaċentement li għandha ħtieġa tal-manteniment. F'tali ċirkostanzi l-qorti m'għandhiex diskrezzjoni.[2]

30. Mhux l-istess jekk il-parti tkun instabet ħatja għat-tkissir taż-żwieġ minħabba raġunijiet oħra sew jekk minħabba ħtija ta' parti, jew oħra jew tat-tnejn jew inkella mingħajr ma ssib ħtija tikkonkludi li hemm raġunijiet għal separazzjoni personali minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment.[3] F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti tiddeċiedi jekk il-ħtija stabbilita twassalx għat-telf tal-jedd għall-manteniment. Kollox jiddependi

[1] Art. 20, Kodiċi Ċivili
[2] Art. 48, Kodiċi Ċivili
[3] Art. 40, 51, 52, Kodiċi Ċivili

mill-fatti partikolari ta' kull każ. (ara **EM v. JMM -** Appell Superjuri - 25 ta' Novembru, 2016[4]; **GM v. AM** - Appell Superjuri - 9 ta' Lulju, 2020[5]).

31. Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta l-parti l-oħra tipprova sodisfaċentement li għandha ħtieġa tal-manteniment u li m'għandhiex mezzi.

32. Bħala linja ġenerali l-ammont tal-manteniment jiġi stabbilit billi l-qorti tqis il-mezzi tal-miżżewġin, inkluż il-ħiliet tagħhom li jaħdmu, kif ukoll il-bżonnijiet rispettivi tagħhom.

33. B'mod partikolari fejn jirrigwarda manteniment minn konjuġi għall-konjuġi, il-qorti jeħtiġilha tieħu qies taċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin inkluż (i) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ; (ii) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkomprometti l-kapaċità tal-miżżewġin li jmantnu lilhom infushom; (iii) kull qligħ jew

[4] Il-Qorti ddeċidiet li għalkemm l-attriċi f'dik il-kawża (i) kienet tipperċepixxi pensjoni mill-Awstralja ta' ċirka €400 fix-xahar, (ii) kellha tliet garaxxijiet proprjetà parafernali tagħha li tikrihom u (iii) appellata kienet ser tieħu somma sostanzjali ta' flus bħala sehemha min-negozju ġestit mill-konvenut, xorta waħda ordnat lill-konvenut iħallas manteniment, għalkemm f'ammont inferjuri għal dak li kien jitħallas *pendente lite*.

[5] Il-Qorti kkonfermat dak li ġie ordnat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u cjoè li l-attriċi tieħu nofs il-pensjoni tal-konvenut u magħhom il-konvenut għandu jagħtiha is-somma ta' €300 fix-xahar bħala manteniment, liema somma tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, wara li qieset il-ħtiġijiet tal-attriċi u l-mezzi tal-partijiet.

benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali; (iv) il-ħtiġijiet għall-akkomodazzjoni; u (v) l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser titlef l-opportunità jew il-possibbiltà li tikseb bħala riżultat tal-firda.[6]

34. Fl-għoti tal-manteniment il-qorti tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.[7]

35. Meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skont il-każ. Għal dan il-għan il-qorti għandha, fost iċ-ċirkostanzi, tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista' tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta' flus, u tordna l-ħlas ta' somma globali għal dak l-iskop.

[6] Art. 54 (1) (2) (3), Kodiċi Ċivili
[7] Art. 54 (4), Kodiċi Ċivili

36. Il-qorti tista' wkoll tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali sabiex jittrasferixxi porzjon ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-konjuġi responsabbli għall-manteniment lill-konjuġi li jkollha tirċievi l-manteniment, liema porzjon ta' kontribuzzjonijiet hekk trasferiti, magħdud flimkien mal-kontribuzzjonijiet li jkollha f'isimha proprju matul iż-żwieġ il-parti li qed tirċievi tali trasferiment, m'għandhomx jeċċedu fit-total tagħhom in-nofs tat-total ta' kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu flimkien iż-żewġ konjuġi fil-perjodu kollu taż-żwieġ tagħhom.[8]

37. Applikata l-liġi *in materia* għal din il-kawża, din il-Qorti tagħraf li l-argument prinċipali tal-appellant huwa li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li m'għandhiex meżżi adegwati għall-ħajja. Jagħmel ħafna enfasi bl-ammont ta' kapital li l-attriċi spiċċat f'idejha b'effett tal-bejgħ tad-dar matrimonjali kif ukoll bill-bejgħ tal-ishma tagħha fil-kumpanija - *omissis* - lill-konvenut. Dan huwa minnu. Però m'għandux raġun l-appellant fir-raġunament tiegħu illi dik iċ-ċifra għandha tittieħed in konsiderazzjoni meta nqisu l-mezzi tal-attriċi. L-appellant jagħmel l-argument illi b'dik iċ-ċifra l-attriċi tista' tixtri proprjetà u tikrija sabiex ikollha dħul adegwat però jinjora l-fatt li l-appellanti jeħtieġ li jkollha wkoll saqaf fuq rasha. L-attriċi appellata ddikjarat fir-risposta tagħha illi wara li ħadd ma appella mill-kap tas-sentenza li xolja l-komunjoni tal-akkwisti hija pproċediet sabiex xtrat appartament ħallli jserviha bħala residenza. Tgħid ukoll illi ma

[8] Art. 54 (5), Kodiċi Ċivili

ppreżentatx kopja tal-kuntratt minħabba li f'dan l-istadju mhux permessi provi ġodda.

38. Għalkemm din il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellata milli titlob il-permess ta' din il-Qorti sabiex tippermettilha tippreżenta prova dokumentarja rilevanti illi ma kinitx teżisti fil-jum li fih ġiet pronunzjata s-sentenza appellata; jibqa' l-fatt illi sew jekk l-attriċi utilizzat dak il-kapital sabiex xtrat residenza, u sew jekk dak il-kapital inżamm sabiex jiġi investit, huwa biss il-frott ta' dak il-kapital li jista' jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-manteniment, u mhux it-tnaqqir ta' dak l-istess kapital. Anke jekk dak il-kapital ma ġiex użat għax-xiri ta' appartament li semmiet l-attriċi u minflok ġie investit, l-introjtu relattiv bilkemm jagħmel tajjeb sabiex wieħed jikri residenza dċenti.

39. Sewwa żammet l-Ewwel Qorti li l-mezzi tal-attriċi ma kienux suffiċjenti sabiex tmantni lilha nnifisha. Mhux minnu dak li jgħid l-appellanti li l-ordni ta' manteniment kien motivat minn żball ta' fatt. It-tismija mill-Ewwel Qorti taċ-ċifra ta' €140 fix-xahar verament hija żbaljata; imma mhux bil-mod kif l-appellant interpreta tali żball. Ftit aktar qabel l-Ewwel Qorti ddikjarat iswed fuq abjad li l-attriċi kellha pensjoni ta' €149.02 fil-ġimgħa b'effett minn Diċembru 2023. Dan kien żball tal-pinna li ma jirriflettix dak li kellha f'moħħa l-Ewwel Qorti u ma jidhirx li wassal lill-

Ewwel Qorti għall-kunsiderazzjonijiet żbaljati. Il-pensjoni tal-appellanti hija ta' ċirca €645 fix-xahar li l-Ewwel Qorti qieset li ma kinitx sufficjenti għall-ħtiġijiet tal-appellanti u li kien meħtieġ li tiġi supplimentata bis-somma ta' €300 fix-xahar mingħand il-konvenut.

40. Kieku minnu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-attriċi għandha pensjoni miżera ta' €140 fix-xahar, ma kienx ikun loġiku li tnaqqas il-manteniment minn €500 fix-xahar għal €300 fix-xahar.

41. Dwar il-mezzi tal-konvenut l-Ewwel Qorti wriet li kienet aktar milli konvinta li l-konvenut appellant kellu dħul ferm akbar minn dak minnu ddikjarat. Semmiet illi appartament f'San Ġiljan kien irendi kera mensili ferm akbar mill-€500 fix-xahar li semma l-konvenut. Il-konvenut argumenta li dik kienet iċ-ċifra li fix-xahar spiċċat f'idejh għall-perijodu qasir. Kienet korretta l-Ewwel Qorti li ħadet in konsiderazzjoni li l-kirja kienet ferm akbar minn €500 fix-xahar. Meta l-konvenut iddeċieda li jixhed kellu d-dover statutorju li jgħid il-verità, il-verità kollha u xejn anqas mill-verità. Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi dwar tali kirja l-konvenut kien ekonomiku mal-verità.

42. L-Ewwel Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni li l-konvenut illum għandu l-ishma kollha tal-kumpanija - *omissis* -. Ma jiswiex li issa f'dan l-istadju l-konvenut ittenta jressaq il-prova li talab li l-kumpanija msemmija

tiġi di-reġistrata minn mal-uffiċċju tal-VAT. Ma ta l-ebda spjegazzjoni għaliex tali pass ma għamlux qabel. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi dan mhu xejn ħlief tentattiv *in extremis* sabiex il-potenzjal ta' dik il-kumpanija ma jittiħidx in konsderazzjoni. Tajjeb jiġi mfakkar illi fl-istadju tal-appell mhumiex permessi li jiġu mressqa provi ġodda jekk qabel il-parti ma tottjeniex il-permess tal-qorti.

43. L-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi li juru kif il-kumpanija msemmija kienet qed topera u trendi dħul lill-konvenut fosthom provi dwar żewġ kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' tagħlim fil-qasam tal-*gaming* kif ukoll kuntratt ieħor għat-taħriġ mal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji. Qieset ukoll illi l-kundizzjoni medika tal-konvenut ma żżommux milli jkompli bil-ħidma tiegħu. Għalkemm il-konvenut baqa' jsostni li m'għandux introjtu ħlief mill-pensjoni u mill-kirja tal-appartament f'San Ġiljan, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, il-fatti juru mod ieħor. Ma hu siewi xejn li issa f'dan l-istadju l-konvenut jittenta jressaq il-prova li l-kumpanija, b'għażla tiegħu, tneħħiet minn fuq ir-reġistru tal-VAT.

44. Mill-banda l-oħra lanqas tqis ġustifikat l-appell inċidentali tal-attriċi sabiex il-manteniment tagħha jkun ta' €500 u mhux €300 fix-xahar kif deċiż mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti meta stabbilit retta alimentarja fis-somma ta'

€300 fix-xahar. Huwa raġunament msejjes fuq kunsiderazzjonijiet loġiċi msejsa solidament fuq il-provi li kellha quddiemha.

45. L-unika aspett tal-appell inċidentali li din il-Qorti tqis siewi huwa l-aggravju tal-appellanti li fl-ordni għall-ħlas ta' manteniment ma hemmx kontemplat żieda perjodika sabiex tirrifletti l-għoli tal-ħajja u b'hekk jiġi evitat li kull tant żmien, jekk il-partijiet ma jaqblux dwar żieda, jerġgħu jirrikorru lejn il-qorti.

46. Għaldaqstant qed tilqa' dan il-preġudizzjarli fl-appell inċidentali, u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn stabbilit manteniment favur l-attriċi fis-somma ta' €300 fix-xahar, qed tiddeċiedi li dan l-ammont għandu jiżdied kull sentejn mid-data tas-sentenza appellata skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

47. Għaldaqstant filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju fl-appell prinċipali, u tiċħad l-appell inċidentali fejn intalab awment fl-ammont ta' manteniment ordnat mill-Ewwel Qorti; tilqa' l-preġudizzjali rigward l-awment perjodiku tal-manteniment ordnat sabiex jirrifletti l-għoli tal-ħajja.

**It-Tieni aggravju – rifużjoni ta' manteniment imħallas indebitament**

48. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jissottometti illi l-manteniment lill-attriċi kellu jieqaf mill-mument li l-attriċi bdiet tirċievi pensjoni b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2023. Jilmenta illi għalkemm huwa kien ippreżenta rikors sabiex il-manteniment *pendente lite* jieqaf jew jiġi ridott, l-Ewwel Qorti ddikjarat li fid-dawl tal-fatt li l-kawża kienet matura għas-sentenza iddeklinat milli tiddekretah. Jispjega li huwa beda jipperċepixxi pensjoni ta' €149 fil-ġimgħa b'effett mill-1 ta' April, 2023 u jsemmi li sabiex iħallas il-manteniment kien kostrett jutilizza flus mill-kontijiet bankarji li l-partijiet kienu qasmu bin-nofs fil-mori tal-kawża. Jinsisti għalhekk li l-manteniment li ħallas mill-1 ta' Diċembru, 2023 'il quddiem għandu jiġi lilu rifuż.

49. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi hija ma taħti xejn li l-Ewwel Qorti ma ddekretatx ir-rikors li l-konvenut kien għamel. Tgħid illi hija kellha kull jedd li titlob il-ħlas ta' manteniment *pendente lite.* Tissottometti illi dak li hija rċeviet u għadha qed tirċievi mingħand il-konvenut ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ħlas indebitu. Tinsisti illi f'kull każ, kull sentenza eventwali ta' din il-Qorti dwar ir-retta alimentarja, sew jekk tirriduċi l-manteniment, sew jekk tawmentah, "ma jista' qatt ikollha effett retroattiv".

**Ikkunsidrat;**

50. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlob mingħand il-parti l-oħra somma għall-manteniment skont il-bżonnijiet tagħha u skont il-mezzi tal-parti l-oħra, u meta jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet (**Artikolu 46A - Kodiċi Ċivili).**

51. Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment. Mill-banda l-oħra ma tistax lanqas il-persuna li lilha kellu jingħata l-manteniment titlob mingħand id-debitur li jkun sar jista' jagħti dak il-manteniment, is-somma tal-manteniment għaż-żmien li fih l-istess debitur ma kienx tah minħabba nuqqas ta' mezzi. (**Artikolu 22 - Kodiċi Ċivili).**

52. Dan il-prinċipju jinstab ukoll taħt il-kapitolu fil-Kodiċi Ċivili li jirregola l-kollazzjonijiet u l-imputazzjonijiet għaliex hemm stabbilit f'**Artikolu 924 tal-Kodiċi Ċivili** li l-ispejjeż ta' manteniment, ta' edukazzjoni, ta' tagħlim, fost l-oħrajn, mhumiex suġġetti għall-kollazzjoni.

53. Kif inżamm fis-sentenza **MM v. SMG** mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015:

> "Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-waqt li huwa minnu li l-artikolu msemmi (Art. 22, Kap. 16) ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-varji tipi ta' manteniment, għandu f'moħħu prinċipalment sitwazzjonijiet fejn

> jingħataw digrieti jew sentenzi li permezz ta' sentenzi ulterjuri jew xi fatt ieħor jiġi itterminat is-saħħa tagħhom, bħal per eżempju digriet ta' manteniment favur xi parti li fl-aħħar tal-proċeduri jiġi deċiż li kellha xi ħtija li twassal għad-dekadenza mid-dritt tal-manteniment. Dan indubbjament għaliex dak il-manteniment ikun serva ta' sussistenza prinċipali tal-għixien ta' dik il-parti."[9]

54. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza *in materia* għal dan l-aggravju, din il-Qorti ssib illi għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tipprovdi dwar ir-rikors għar-riduzzjoni tal-manteniment *pendente lite*; jibqa' l-fatt illi l-manteniment li l-appellant ħallas sal-jum tas-sentenza appellata kien manteniment skont digriet li ġie varjat bis-sentenza appellata u li għalhekk huwa applikabbli Artikolu 22 tal-Kodiċi Ċivili.

55. Għaldaqstant tiċħad it-tieni aggravju.

**It-Tielet aggravju – Debiti mal-Kummissarju għat-Taxxi marbuta mal-kumpanija *- omissis -***

56. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jattakka s-sentenza appellata fejn addossatu, ad esklużjoni tal-attriċi, bid-debiti tal-kumpanija - *omissis* -. Jgħid li din ġiet imwaqqfa matul iż-żwieġ u li għalhekk tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti. Isemmi li kien hemm żmien li din il-kumpanija tat il-frott li daħal fil-komunjoni tal-akkwisti u li minnu gawdiet ukoll l-attriċi. Jirreferi għall-kont tat-taxxa marbut ma' din il-kumpanija li

[9] Fuq l-istess binajru s-sentenza **AB v. MB** mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Lulju, 2010 fejn iddikjarat illi ma kienx hemm lok għal rifużjoni ta' manteniment wara li l-kawża għal separazzjoni personali ġiet dikjarata deżerta.

huwa qed jikkontesta. Jissottometti illi bl-istess mod li l-attriċi ipparteċipat nofs bin-nofs mill-assi kollha tal-kumpanija - *omissis* -, l-Ewwel Qorti messa qasmet id-debiti tal-kumpanija - *omissis* - fuq iż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Jgħid li ma jagħmilx sens li fejn kien hemm l-assi dawn inqasmu u fejn hemm id-dejn dan intefa' fuqu biss.

57. Qabel addossat id-dejn tal-imsemmija kumpanija l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Jirrizulta li dwar dina s-socjeta' li l-konvenut ighid li kien waqqaf kienu nfethu kontriha proceduri mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-istess socjeta' kienetipprezentat appell kontra d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li permezz taghha kien allegatament irrifjuta oggezzjoni illi kienet ghamlet l-istess socjeta' fir-rigward diversi stimi (assessments) illi kienu nhargu fil-konfront taghha mill-istess Kummissarju.
>
> Primarjament ghandu jinghad li l-konvenut kien u baqa' l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta' u ghalhekk kien unikament responsabbli f'ghajnejn il-ligi fiskali in partikolari. Skond il-Kummissarju l-konvenut kien negligenti hafna in kwantu jirrigwarda l-presentazzjoni tal-income tax returns tas-socjeta' in kwistjoni kif ukoll rigward l-audited accounts u dan kellu jsir fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal-istess socjeta'.
>
> Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici li fil-kapacita' tieghu qua direttur, il-konvenut kien responsabbli ghad-dejn li kellha s-socjeta'. Inoltre, azzjonist irregistrat taht l-istess socjeta' ma humiex personalment responsabbli skond il-ligi ghad-dejn tal-kumpanija, tkun xi tkun in-natura ta' dan id-dejn. Mizjud ma' dan l-azzjonista hija rregistrata taht is-socjeta' - *omissis* -.
>
> Ghaldaqstant, id-dejn attribwibbli lill-konvenut ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa dejn tas-socjeta' - *omissis* - li ghalih kien responsabbli l-konvenut u allegatament kien hemm nuqqasijiet da parti tieghu fil-vesti ta' direttur. Tkun xi tkun id-decizjoni, jekk kemm il-darba, jirrizulta li hemm dejn, dan ghandu jibqa' responsabbilita' tal-konvenut u dan meta fil-kapacita' tieghu qua direttur ma wettaqx ir-responsabbiltaijiet tieghu kif tixtieq il-ligi u inoltre huwa dejn tas-socjeta'."

58. L-uniku mod kif direttur jista' jeħles minn din ir-responsabilità *versu* l-Kummissarju tat-Taxxi huwa billi juri li jkun aġixxa *in buona fede* u ma jkunx qiegħed xjentement jiddisponi mill-flus u proprjetà tal-kumpanija b'mod li ma jibqalux biżżejjed għall-ħlas ta' kull taxxa dovuta, jew xjentement jevadi l-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-liġi tat-taxxa. Din hi prova li trid issir mill-istess direttur biex jeżimi ruħu mill-obbligu solidali mal-kumpanija. (Ara **Rees Furniture Company Limited et v. Direttur Ġenerali tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud illum Kummissarju tat-Taxxi**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 2 ta' Ottubru 2012, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2017).

59. Fl-aggravju tiegħu l-appellant ma ndirizza l-ebda waħda mill-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar dan l-aspett tal-vertenza. Il-paragun li huwa jagħmel mal-kumpanija l-oħra ma hu tal-ebda siewi għaliex fil-kumpanija l-oħra huwa xtara l-ishma kollha li kellha l-attriċi. Fil-każ tal-kumpanija - *omissis* - id-dejn tal-kumpanija versu l-Kummissarju tat-Taxxi ma hux tal-azzjonisti imma tal-kumpanija li għandha personalità distinta minn dik tal-azzjonisti. Fejn jirrigwarda dejn versu l-fisku, huma d-diretturi debituri solidali flimkien mal-kumpaniji tagħhom.

60. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet legali validi u din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minnhom.

61. Tiċħad għalhekk dan it-tielet aggravju.

**Ir-Raba' aggravju – l-akkoljiment tad-disa' talba attriċi**

62. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jattakka s-sentenza appellata fejn laqgħet id-disa' talba "sa fejn applikabbli" u kkundannatu "sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-proprjetà kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha". Jissottometti illi kien paċifiku bejn il-partijiet li ħlief għall-kwistjoni tal-manteniment u tal-kumpanija - *omissis* -, kollox kien ġie maqsum u l-partijiet kienu ħadu kollox u ma kellhomx pretensjonijiet oħra kontra xulxin.

63. Dan l-aggravju jirriżulta fondat tant li l-appelleta ma ressqet l-ebda sottomissjoni fir-rigward fir-risposta tagħha.

64. Għalhekk filwaqt li tilqa' r-raba' aggravju tordna varjazzjoni fis-sentenza appellata fis-sens li d-disa' talba attriċi tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut filwaqt li tilqa' parzjalment l-appell inċidentali tal-attriċi kif fuq spjegat.

Tvarja s-sentenza appellata billi b'żieda mal-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex il-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment bir-rata ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar, tordna li tali manteniment jiżdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, kull sentejn, l-ewwel żieda b'effett minn sentejn mil-lum.

Tħassar il-kap tas-sentenza fejn ġiet milqugħa d-disa' talba attriċi u minflok tiċħad id-disa' talba attriċi.

L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-appell prinċipali jitħallsu mill-konvenut; l-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-attriċi, u kwint (1/5) mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss